# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


**Seduta numru 42 tas-7 Leġislatura**
**L-Erbgħa 27 ta' April 2016**

## MINUTI

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 42 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2016, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Harsa lura lejn il-Ftehim tal-Ġemelaġġ ma' Lagosanto u proġetti futuri
5. Harsa lura lejn Festa Frawli 2016
6. Approvazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Estimi Finanzjari 2015
7. Affarijiet Mixxellanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella u il-Kunsilliera Clayton Gauci, u Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Mario Sammut kien skużat.

Is-sede ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa preżentement vakanti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella u bdiet fil-5:39pm.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

**Punti mill-Minuti**

dwar punt 2.3 Il-Kunsill reġa' iddiskuta il-proposta tal-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija dwar sit alternattiv tal-gabbani tal-ikel, u kkonferma id-deċiżjoni tiegħu li din it-talba ma setgħetx tintlaqa'. Is-Segretarju Eżekuttiv ser joħroġ risposta uffiċċjali dwar dan.

dwar punt 6.2 Din l-attivita' ma sarietx iżda hemm il-ħsieb lis ssir matul is-sajf li ġej.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

2.3 Ġiet diskussa proposta mingħand Jugs Malta sabiex tiġi installata tinda semi-permanenti għax-xhur tax-xitwa fil-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa (magħruf bħala tar-Riviera). Il-Kunsill, għalkemm ra li din il-proposta kienet waħda innovattiva u nteressanti, ddeċida li ma setgħax jilqa' tali proposta minħabba raġunijiet ambjentali, viżivi, u ta' parkeġġ.

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien għadu kemm irċieva l-approvazzjoni tal-ismijiet tat-toroq li l-Kunsill kien talab għalihom. Il-Kunsill ser ikun qed jordna it-tabbelli tal-ismijiet u jara li dawn jitwaħħlu.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-sindku informa li dak in-nhar ta' Festa Frawli, jiġifieri il-Ħadd 10 ta' April, kien hemm problema fis-sistema tad-drenaġġ tal-lattrini ta' Wesgħat il-Ġublew. Peress li din kienet biċċa xogħol urġenti, is-Sindku bgħat għall-kuntrattur Alex Fenech biex immedjatament jaħdem fuq din il-problema. Matul ix-xogħlijiet instab li kien hemm diversi problemi ta' kostruzzjoni meta din kienet saret snin ilu. Għaldaqstant il-kuntrattur saħħaħ is-sistema u solva il-problema.

3.2 Is-Sindku informa wkoll li qed isir xogħol ta' refurbishment mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastrutura ħdejn il-klabb tal-futbol fejn inbidlet l-art u saru rampi għall-aċċess ta' persuni b' diżabilita'.

3.3 Is-Sindku informa wkoll li kienu ġie installat il-WiFi b' xejn f' żewġ zoni oħra tal-lokalita', jiġifieri fil-Ġnejna u fiż-Żebbiegħ.

3.4 Is-Sindku informa wkoll li reġa kien hemm laqgħat dwar il-proġett ta' l-Għasfura. Saru laqgħa ta' koordinament fl-uffiċċji tal-HSBC fil-Belt Valletta kif ukoll waħda fuq il-post. Għaż-żewġ laqgħat kien hemm preżenti is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għan-nom tal-Kunsill. Saru wkoll settijiet taċ-ċwievet li ser jinżammu fil-Kunsill, sett fl-Universita' ta' Malta u sett ieħor għand il-ħaddiema li jkunu qegħdin jagħmlu xogħlijiet fuq il-post.

3.5 Is-Sindku informa li ir-Reġjun Tramuntana kien ser iwaqqaf kumitat għall-isports fir-reġjun. Is-Sindku wera ix-xeqa li jkun hemm attivitajiet sportivi fuq bażi ta' lokalita' għar-residenti, speċjalment matul ix-xhur tas-sajf.

3.6 Is-Sindku semma li kien ġie avviċinat mill-artist Vincenzo D'Arro' bil-proposta li titwaqqaf fondazzjoni li tieħu ħsieb il-Malta Arts Biennale. Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandha tiġi kkunsidrata fid-dettall u li jittieħed parir legali dwar dan.

## 4. Harsa lura lejn il-Ftehim tal-Ġemelaġġ ma' Lagosanto u proġetti futuri

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-avveniment tal-ġemelaġġ ma' Lagosanto. Il-Kunsill kiene sodisfatt ħafna bl-attivitajiet, bil-parteċipazzjoni u bl-opportunitajiet li dan il-ftehim kien qed iġib miegħu. Kien hemm kummenti pożittivi ferm min-naħa tad-delegazzjoni Taljana u diġa kienu qed jiġi esplorati possibiltajiet ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ postijiet fuq proġetti u temi.

## 5. Harsa lura lejn Festa Frawli 2016

5.1 Il-Kunsill analizza l-andament ta' Festa Frawli li għaddiet. Kien hemm sodisfazzjon għal dan l-avveniment annwali, u l-Kunsill kien kuntent bl-andament u bl-attendenza tan-nies għal din l-attivita'.

5.2 Il-Kunsill ddiskuta diversi suġġerimenti ta' titjieb dwar din l-attivita' u kif dawn jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ fl-edizzjonijiet futuri.

5.3 Il-Kunsill ra' ukoll il-bżonn li din l-attivita' issir aktar fuq bażi internazzjoni, u hawn issemmi li jista' jiddaħħal fil-prattika il-ftehim ma' Lagosanto.

## 6. Approvazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-aġġustament tal-Estimi Finanzjarji għas-sena li għaddiet wara l-awditjar tal-istess estimi u l-aġġustamenti imdaħħla mill-accountant tal-Kunsill.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni tal-aġġustamenti, u wara li il-Kunsill iddiskutihom, dawn ġew approvati unanimament. Ir-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex issa jiġi ppreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lill-Awdituri, it-3A Accountants Ltd.

**7. Affarijiet Mixxelanji**

7.1 Elizabeth Ebejer informata li kienet għada kemm irċeviet informazzjoni mingħand il-librara, Joanne Vella dwar tliet studenti mill-Imġarr li kienu ddistingwew irwieħhom f' kompetizzjonijiet tal-matematika. Il-Kunsill, filwaqt li feraħ lill-dawn l-istudenti, ser ikun qiegħed jagħti prominenza lil dan il-fatt fuq is-social media tiegħu kif ukoll fuq l-edizzjoni li jmiss ta' Il-Miġbħa.

7.2 Elizabeth Ebejr informat li kien hemm bankina li kella bżonn ta' manutenzjoni peress li kienet ta' periklu u kien hemm nies li waqgħu minħabba f' hekk. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir u s-Sindku ser ikellem lill-ħandymen dwar dan.

7.3 Eman Vella informa li l-proġett propost tal-Kunsill taħt is-sejħa ta' Intoherit ma kienx għadda.

7.4 Il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku, iddiskuta proġett bl-iskop li jressqu ir-residenti tal-lokalita' aktar qrib xulxin b' mod soċjali. Ġew diskussi proposti ta' ikliet barra għar-residenti tat-toroq, flimkien ma' attivitajiet oħra simili.

7.5 Clayton Gauci semma' il-problema tal-boroż taż-żibel ħdejn il-każin tal-Partit Laburista il-ħadd fil-ghodu u kif dan qed joħloq inkonvenjent u ħmieġ żejjed. Is-Sindku ser jara jekk jistax isir xi ħaġa dwaru.

7.6 Clayton Gauci semma wkoll il-kwistjoni tal-linji sofor fi' Triq Skorba quddiem il-garaxxijiet u li uħud mir-residenti jilmentaw li ma jkunux jistgħu joħorġu il-karozzi tagħhom.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fis-7:42pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 18 ta' Mejju2016, fil-5:30pm.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

| | |
|---|---|
| *Cyprian Dalli* | *Paul Vella* |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |